MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 2/2001/1

**Emanuel Spiteri**

**vs**

**Jesmond Micallef kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' 'Ta' Marozz Partners'**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fit-3 ta' Jannar, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) l-attur kellu incident fuq il-post tax-xoghol tieghu meta kien impjegat mal-konvenut *proprio et nomine* sabiex jesegwixxi xoghol ta' tibjid u tikhil fil-Lukanda San Lawrenz, f'San Lawrenz, Ghawdex;

L-incident hawn fuq imsemmi sehh peress illi l-armar li gie provdut lill-attur mill-konvenut *proprio et nomine* sabiex jahdem fuqu ma kienx wiehed adegwat ghall-iskop li ried jintuza u ma saritx supervizjoni mehtiega biex jigu evitati incidenti simili;

L-attur sofra griehi ta’ natura gravi u permanenti u dan kif iccertifikat mit-tobba li kkurawh fl-Isptar Generali ta’ Ghawdex;

Per konsegwenza ta’ dan l-incident l-attur ma jistax ikompli jahdem bhala bajjad jew kahhal, kif kienet is-sengha tieghu, u dana kif jigi dettaljament ippruvat waqt is-smigh ta’ l-istess kawza;

Dan kollu qieghed jikkaguna danni emergenti kif ukoll lukri cessanti lill-attur;

L-attur irid illi jigi kkumpensat ta’ dawn id-danni;

L-istess konvenut *proprio et nomine* ghalkemm kien interpellat diversi drabi sabiex bonarjament jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, dan baqa’ dejjem inadempjenti;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex;

1. Tiddikjara illi l-konvenut *proprio et nomine* huwa unikament responsabbli ghall-incident hawn fuq imsemmi;

2. Tillikwida ghalhekk id-danni kollha sofferti mill-attur *per konsegwenza* ta’ l-incident hawn fuq imsemmi u dan jekk hemm bzonn permezz ta’ perit li ghandu jigi nominat ghal din il-fini;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut *proprio et nomine* sabiex ihallas lill-attur d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta fis-sittax (16) ta’ Ottubru tas-sena elfejn (2000) u bl-ingunzjoni

ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa l-konvenut huwa mharrek.

Bl-imghaxijiet skond il-Ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi;

1. It-talbiet tal-attur huma preskritti *ai termini* tal-Ligi u dan abbazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt *stante* illi l-incident ma sehhx tort tal-konvenuti imma tort esklussivament tal-attur minhabba traskuragini *da parti* tal-attur.

3. Bhala fatt l-attur m'ghandux ebda danni peress li gia saqsa lill-konvenuti jekk jista' jerga jahdem fl-istess xoghol li kellu bil-kundizzjoni li jiehu d-dizabilita' minn ghand il-Gvern u bhala fatt il-konvenuti rawh jahdem magni tqal jahrat l-ghalqa.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2002, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, billi m'hijiex misthoqqa fid-dritt, bl-ispejjez kontra tieghu, u ordnat li s-smiegh tal-kawza jissokta bil-provi fil-meritu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Jannar, 2003, li in forza tieghu inhatar bhala espert mediku a spejjez provizorjament ta' l-attur, Mr. Frederick Zammit Maempel, sabiex jirrelata dwar il-grad ta' disabilita' *o meno* li qed jallega li garrab l-attur b'rizultat ta' l-incident *in kwistjoni*;

Rat ir-rapport mediku ippresentat minn Mr. Frederick Zammit Maempel fis-17 ta' Settembru, 2003, u minnu mahluf waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2004;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident fuq il-post tax-xoghol li sehh fit-30 ta’ Ottubru, 1998, waqt li l-attur kien qed jahdem u jesegwixxi xoghol ta’ tikhil u tibjid fil-lukanda San Lawrenz, gewwa San Lawrenz, Ghawdex. Is-sala fejn kien qed jahdem u l-lukanda *in generali* kellhom soqfa gholja, u biex isir it-tikhil u t-tibjid fil-partijiet gholjin, il-konvenut, jew xi hadd iehor minn shabu, partecipanti fis-socjeta’ *“Ta’ Marozz Partners”*, kienu jiehdu hsieb jaghmlu u jippreparaw l-armar mehtieg ghall-impjegati taghhom. L-armar kien isir jew bit-travetti imdahla fil-hitan jew billi jarmaw mal-art strippi tal-hadid b’forma ta’ *stand*, u, f’kull kaz, jitpoggew umbaghad fuq it-travetti jew fuq l-istrippi twavel ta’ l-injam ta’ qisien differenti. L-armar kellu jsir dejjem minn xi hadd mill-*partners* ta’ *“Ta’ Marozz”*, u l-haddiema inghataw istruzzjonijiet cari li meta jkun hemm bzonn ta’ armar, isejhu xi hadd mis-socji biex dan ihejji l-armar skond kif ikun hemm bzonn.

Dak inhar tal-incident, l-attur kellu jaghmel xoghol ta’ tikhil u tibjid fis-sala tal-lukanda fejn hemm l-*indoor pool*. Peress li dak inhar, is-socju Jesmond Micallef ma kienx se jkun hemm, huwa lesta l-armar kollu min lejliet, hlief ghal-*area* zghira f’genb wiehed fejn kien hemm speci ta’ dahla. Is-socju, Jesmond Micallef qal lill-haddiema kif u fejn kellhom jahdmu l-ghada, uriehom li l-armar kien lest, u qalilhom li meta jlestu s-sala u jigu ghal dik id-dahla, jsejhu lil huh, John Micallef, li kellu jkun hemm fil-lukanda, izda f’parti ohra, biex dan jinzel u jaghmel l-armar hu ghal dik il-parti.

L-ghada, jigifieri dak inhar tal-incident, Jesmond Micallef ma kienx fuq il-lant tax-xoghol, izda kien hemm huh u

socju iehor, John Micallef, li kellu xoghol iehor f’parti ohra tal-lukanda. Dan kien jinzel jitawwal u jara l-attur u shabu x’kienu qed jaghmlu u qalilhom biex meta jaslu ghal dik id-dahla, isejhulu biex hu jipprepara l-armar mehtieg.

Jidher li meta l-attur lesta x-xoghol fejn l-armar kien lest, u wasal biex ikahhal il-parti fid-dahla, ma sejjahx lil John Micallef biex dan ilestilu l-armar, izda rama’ l-istrippi hu stess.

L-attur, min-naha l-ohra, jghid li Jesmond Micallef, peress li kien jaf li l-ghada (dak inhar tal-incident) ma kellux ikun hemm, qalilhom biex, meta jaslu f’dik il-parti li ma kienetx armata lesta, jarmaw huma tlett strippi u jaghmlu l-fallakki fuqhom; hu jichad ukoll li John Micallef fakkarhom li meta jaslu fil-parti mhux armata jsejhulu halli jaghmel l-armar hu.

Gara li l-attur kien qed jahdem fuq l-istrippi li hu stess kien rama’ u kien qed juza l-laxkatur biex jiftah il-fili, u l-uzu ta’ dik il-magna jehtieg certu forza mill-haddiem biex jaqla’ l-fil. Is-strippi ma kienux mamra fuq art lixxa, ghax kienet ghadha konkos u mimlija laqx tal-bini; it-twavel tal-injam ukoll ma kienux marbuta, la ma xulxin u lanqas mal-istrippi tal-hadid. F’hin minnhom, waqt li l-attur kien qed juza pressjoni fuq il-laxkatur, l-istand bl-istrippi inqalbet, u hu u t-tavlun li kien fuqu inqalbu u spiccaw fl-art. L-attur sofra griehi personali b’rizultat ta’ dan l-incident.

L-obbligu ta’ min ihaddem li jofri *“a safe system of work”* hija ben definita fil-gurisprudenza lokali, u kif gie osservat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza “Schembri vs Caruana noe”, decisa fit-12 ta’ Jannar, 1983, meta tigi mahsuba sistema ta’ xoghol, *“wiehed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kaz tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, u n-nuqqas ta’ ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdem mieghu fuq dan ix-xoghol”.*

Ghar-rigward ta’ *safety equipment* u armar prattiku u sikur ghall-haddiema, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-

kawza "Pulizija vs Attard", decisa fit-2 ta' Settembru, 1999, osservat illi min ihaddem mhux biss ghandu jara li jkun hemm *available* l-apparat ta' *safety* (bhal *harness* u *scafolding*), izda ghandu jinsisti mal-foreman li ma jsirx xoghol minghajr l-uzu ta' safety equipment, u jara li din l-ordni tigi segwita.

F'dan il-kaz, ma jidhirx li l-konvenut *"insista"* li tintuza s-sistema ta' travetti li kienet l-aktar adatta ghax-xoghol indikat. Anke jekk il-haddiema gew avvzati biex, meta jaslu biex jaghmlu l-armar, jitkellmu ma' John Micallef (dak li hu kontestat mill-attur), xorta kien dover tal-konvenut li jara li jkun hemm *supervisor* mal-haddiema, u jara li l-ordni li ta tigi segwita. Mhux bizzejjed li lill-haddiem jinghat taghrif fuq kif ghandu jahdem, izda min ihaddem irid jimpjega *foreman* li mieghu jinsistu li jara li ma jsir ebda xoghol kontra l-istruzzjonijiet tieghu. Din il-Qorti, fil-kawza "Slack vs Elektra Ltd", deciza fl-20 ta' Frar, 2003, osservat li min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu. F'dan il-kaz, l-attur u haddiema shabu thallew wahedhom biex jitlesta xoghol li, min-natura tieghu, stess, kien perikoluz u kien jehtieg li jigu segwiti certi kawteli u proceduri ta' sigurta'.

L-attitudni generali tal-industrija lokali fil-konfront tas-sahha tal-haddiema impjegati hi, veru, ftit laxka, izda dan m'ghandux iservi bhala difiza ghal-attitudini li sid partikolari jiehu fil-konfront tal-haddiema tieghu. Kif jghid l-awtur Michael Whincup (*"Modern Employment Law"* 6th Edit, pag. 207);

*"the precautions taken in the trade or industry as a whole provide very important evidence of the appropriate standard of care in any particular case. But because of familiarity the general trade practice may be to ignore an obvious danger or to treat it as an occupational hazard about which little or nothing can be done when in fact precautions are both feasible and necessary. Any such attitude will be rejected by the court for otherwise there would be the very odd doctrine that if enough employers*

*in an industry disregarded all precautions, however obvious they may be, and follow a dangerous practice, then they cannot, any of them, be held liable in negligence: Brown vs Mills, 1970: Martin vs Boulton and Pant. 1982"*

Kif inghad ukoll fil-kawza gia kwotata "Schembri vs Caruana noe", *"all employees tend to get careless about risks involved in their daily work, and the employer must take this fact into account". Kwindi,* ma kienx bizzejjed li Jesmond Micallef jghid lill-haddiema tieghu biex ikellmu lill-huh dwar l-armar, izda kellu jara li din l-ordni ma tigix injorata, anki minhabba li hu risaput li haddiema isofri minn aljenazzjoni u nuqqas ta' attenzjoni li, fil-maggoranza tal-kazijiet, hi indotta mill-istess natura tal-attivita' lavorattiva.

*Inoltre*, jirrizulta ukoll f'dan il-kaz, li din ma kienetx l-ewwel darba li l-haddiema tas-socji kienu jlestu l-armar huma stess, u l-istess socji ma jidhirx li qatt hadu passi fir-rigward. B'dan il-mod, is-socji taw *d'intendere* li huma kienu qed *"jittolleraw"* agir bi ksur tad-direttivi taghhom, u meta jigri hekk, min ihaddem irid jerfa piz akbar ghall-incident li jsehh b'konsegwenza ta' agir simili.

Min-naha l-ohra, din il-Qorti ma tistax teskolpa lill-attur minn kull htija ghal dak li gara. Hu rama' l-istrippi fuq art li kien jaf li ma kienetx lixxa, u pogga t-twavel tal-injam fuqha minghajr ma rabathom mal-istand. Hu wkoll uza twavel li ma kienux gew provduti mill-imghallem tieghu, u qabad u tela' fuqhom minghajr ma qies ir-riskju li kien qed jiehu. Anke jekk il-konvenut, gurnata qabel, qallu biex jarma l-istrippi hu, kellu japprezza li l-armar ma kienx *safe*, u jinsisti ma' John Micallef li ma jkomplix bix-xoghol qabel ma jigi ippreparat b'armar sikur u adegwat. L-attur kien wasal fit-tmien ix-xoghol tieghu ghal dik il-gurnata, tant li hu u siehbu gew infurmati li meta jlestu dik is-sala setghu jitilqu lejn id-dar; l-attur, ghalhekk, ried jehles, u peress li kien fadallu *area* zghira b'xi tlieta jew erba' filati, ma deherlux li kellu jahli l-hin u jinsisti fuq armar aktar sod. Minflok, rama' kif jaf hu biex jehles u jitlaq lejn id-dar.

Li kieku l-attur kienet persuna inesperta jew ta' eta' zghira, din il-Qorti, minghajr ma kienet tikkondividi dan l-atteggjament, kienet tqiesu bhala agir imprudenti u bla ghaqal li ghalih, min ihaddem, ikun irid ukoll jikawtela. F'dan il-kaz, *pero'*, irrizulta li l-attur hu bniedem tal-esperjenza, u hadem mhux ftit f'xoghol konness mal-kostruzzjoni. F'kazijiet bhal dawn, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Sciriha vs O'Flaherty", decisa fil-5 ta' Mejju, 1994, hu mistenni aktar attenzjoni u prudenza *da parti* tal-haddiem, u meta dan juri nuqqas fir-rigward, irid, ftit jew wisq, jerfa' parti mir-responsabilita' ghal dak li jigri.

F'dan il-kaz, jidher, *pero'*, li n-nuqqas ta' min ihaddem kien aktar gravi min-nuqqas ta' attenzjoni li wera l-haddiem, specjalment fid-dawl tal-principju li min ihaddem irid, f'kull kaz, jikawtela kontra l-ghagla u d-disattenzjoni tal-haddiema tieghu. Il-Qorti, ghalhekk, tqies li r-responsabilita' tal-konvenut ghanda tkun fi grad ta' tlett kwarti.

Ghar-rigward tad-danni, jirrizulta li l-attur kellu 47 sena meta sehh l-incident, u, ghalhekk, il-Qorti, meta qieset il-gurisprudenza ricenti fir-rigward (ara, per ezempju, "Caruana vs Camilleri", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004), u c-*"chances and changes of life"*, sejra tadotta *multiplier* ta' 9.

Id-dizabbilita' permanenti li garrab l-attur giet ikkalkulata mill-espert mediku bhala li twassal ghal 10%.

Dwar id-dhul tal-attur, ma saretx xi tip ta' prova cara u konkludenti. Ghalkemm hu maghruf li bajjad ikollu dhul tajjeb, mhux maghruf kemm kien id-dhul tal-attur qabel l-incident. L-attur kien impjegat, b'paga li ma tidhirx li kienet wisq aktar mill-*minimum wage*, u ghalkemm seta' jahdem ghar-rasu, ma giex pruvat kemm ikun id-dhul minn dan it-tip ta' xoghol. Meta tqies ic-cirkustanzi kollha tal-hajja lavorattiva, u li x-xoghol ta' min ikahhal u jbajjad huwa mfittex f'pajjizna, il-Qorti thoss li ghandha tahdem fuq dhul annwali ta' Lm6,500, mil-liema somma m'ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba t-taxxa (ara "Muscat vs

Schembri", decisa minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' nazzjonali (ara "Caruana vs Farrugia", decisa minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983).

Ghalhekk, il-kumpens ghandu jinhadmilhom hekk:

Lm6,500 x 9 x 10% = Lm5,850

Peress li l-incident sehh fl-1998, u l-hlas ta' kumpens sejjer issir issa, madwar seba' snin wara, izda bhala *lump sum*, ghandu jitnaqqas percentagg ulterjuri ta' 14%, u dana dejjem skond il-gurisprudenza aktar kwotata fil-materja.

B'hekk, il-kumpens likwidat huwa ta' Lm5,031. Peress li l-konvenut hu responsabbli fi grad ta' tlett-kwarti, hu ghandu jhallas is-somma ta' Lm3,773 *in linea* ta' danni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi tichad *in parte* l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u wara li tilqa' *in parte* it-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut *proprio et nomine* huwa responsabbli fi grad ta' tlett-kwarti (3/4) ghall-incident li sehh fit-30 ta' Ottubru, 1998, u li fih wegga' l-attur, u tikkundanna lill-istess konvenut *proprio et nomine* jhallas lill-attur is-somma ta' Lm3,773 (tlett elef, seba' mija u tlieta u sebghin lira Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghaxijiet legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kwantu ghall-kwart mill-attur u tlett-kwarti mill-konvenut *proprio et nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------